MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 352/2005

Kawza fil-lista: 32

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fl-24 ta' April, 1991 kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, mil-liema zwieg twieldu tlett itfal D li ghandu tlettax-il sena, E, li ghandha hdax-il sena, u F li ghandu ghaxar snin;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

U peress illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U peress illi l-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;

U peress illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta’ l-Artikolu 19(1)(d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta li Jirregola z-Zwigijiet;

Tghid, ghalhekk, il-konvenuta ghalhiex m’ghandhiex din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-24 ta’ April 1991 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini

ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u tal-paragrafi [f] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-24 ta’ April 1991 meta allura l-attur, cittadin sirjan, kellu 20 sena u l-konvenuta, cittadina maltija, kellha 16-il sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin biss xahar f’ liema perijodu l-konvenuta harget tqila mir-relazzjoni li kellha ma’ l-attur. Minnhabba t-tqala tal-konvenuta l-partijiet iddecidew li jizzewwgu. Ghalkemm fiz-zwieg twieldu zewgt-it tfal ohra, il-konvivenza matrimonjali taghhom kienet turbolenti hafna, u l-attur isostni li t-tielet wild ma kienitx tieghu, liema affermazzjoni ma gietx kontraddetta mill-konvenuta.

Illi l-attur jghid li huwa kien izzewweg biss, biex it-tifel jitwieled fiz-zwieg u li ma kienx ihobb lill-konvenuta. Kien ghalhekk li l-partijiet qatt ma ssettiljaw fiz-zwieg li kien karatterizzat b’ hafna glied kontinwu.  L-attur fl-affidavit tieghu jghid hekk;

“Fiz-zwieg jien ma kontx inhoss li kelli xi sentimenti ta’ mhabba partikolari ghal C. Fil-fatt jiena …. kont nghix bhal li kieku ghadni guvni. Meta kien ifettilli kont nohrog.  Kont nidhol lura d-dar x’ hin jidhirli jien, kienu jkunu daqqa s-siegha, daqqa t-tlieta ta’ filghodu, jiddependi minn fejn kont inkun mort. Kont infittex u nohrog ma tfajliet ohra, u kont immur Paceville ta’ spiss.” [Fol.15].

Fid-deposizzjoni taghha l-konvenuta tikkonferma li l-attur ma kienx juri affezzjoni u lanqas rispett lejha, kien ihalliha nieqsa mill-flus, u gieghli kien ukoll ikollu x’ jaqsam maghha fil-forza kontra l-volonta’ taghha.

Illi mill-assjem tal-provi l-Qorti hija tal-fehma li f’ dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] da parti ta’ l-attur. Mill-affidavit tieghu stess, jirrizulta li dana, ghalkemm esternament izzewweg lill-konvenuta, huwa nternament u b’ att posittiv tal-volonta’ tieghu eskluda z-zwieg fih in-nifsu, stante li jidher car li dana ma kellux l-intenzjoni li jghix mal-konvenuta f’ konvivenza diretta lejn

il-benessere reciproku, izda ried biss li ibnu ikun imwieled fiz-zwieg, u xejn aktar. Dan jispjega l-atteggjament abusiv kontinwu da parti tieghu fil-konfront tal-konvenuta fil-hajja matrimonjali li hija kienet dahhlet fiha minnhabba t-tqala pre nuzjali minn persuna li kienet ilha tafu biss xahar u meta kien ghad kellha 16-il sena.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 da parti ta' l-istess attur.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' April 1991. L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------